MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Numru. 426/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**KEVIN FARRUGIA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat KEVIN FARRUGIA bin Consiglio u Loreta nee Xerri, li joqghod 6, Triq Simirat, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 22683G gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-hdax ta' Settembru 2003 ghall-habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, fi Triq Patri Gusepp Portelli, l-Qala;

1. Garr arma tan-nar tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru tas-serie 22683 u erbgha w tletin skartocc minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u

2. Talli kellu fil-pussess tieghu cassette with pre recorded bird calls.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 13(1)(A) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 41/2003;

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe lil PS 1464 u PC 759 jixhdu u lil istess Prosekuzzjoni tirrinunzja ghax-xhieda ta' PS 1371;

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-licenzja rigwardanti l-arma Luigi Franchi, shotgun tal-marka Luigi Franchi bin-numru tas-serie 22683 bil-pouch u l-erbgha w tletin skartocc u bird caller;

Semghet lil imputat jiddikjara li mhux ser jixhed f'dawn il-proceduri;

Ikkunsidrat:

Illi l-imptuat Kevin Farrugia ma jirrizultax li kien responsabbli ghal dak li kien hemm fil-vettura stante li huwa kien biss passiggier u mill-provi prodotti ma jirrizultax li huwa kien jaf xi haga dwarhom;

Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni m'irnexxilhix tipprova li kemm il-bird caller kif wkoll l-arma tal-ghamla Luigi Franchi kienu tal-imputat KEVIN FARRUGIA u ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li ma ssibux hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------